## Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Carmelo Theuma**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Carmelo Theuma iben Joseph u Maria Concetta nee Brincat, u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 45166M u li ġie mixli talli nhar is-16.10.2013 għal ħabta ta 01:00hrs u l-ħinijiet ta wara waqt li kont fir-residenza 39, Charlene, Triq Vincenzo Maculano, Fgura tajt fastidju lil Heath John Bristow, u b'mod li tkun taf jew kien imissek kont taf li dan kien ta' fastidju għal Heath John Bristow u dan bi ksur tal-Art 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u lill-imputat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, minkejja li l-parte civile xehdu dwar diversi ħsejjes li kien qiegħed jagħmel l-imputat ġar tagħhom u li kienu ta' inkonvenjent ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dawn il-ħsejjes kienu tali li jikkostitwixxu r-reat tal-fastidju fil-parametri tal-liġi u kif ukoll fil-parametri taż-żmien imsemmija fl-imputazzjoni.

F'dan il-każ ġie speċifikat li l-imġieba tal-imputat suppost kellha tikkostitwixxi fastidju fuq ħsejjes kaġunati fis-"01:00hrs u l-ħinijiet ta wara" – mingħajr ma ġie speċifikat b'mod ċar dawn il-ħinijiet kemm fil-fatt kienu.

F'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, stante li l-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi il-Qorti qegħda ssib lil Carmelo Theuma mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha tillberah minn kull ħtija u piena.

*Mogħtija illum 11 ta' Novembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.*

*Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.*